

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 26/2008****ta' l-14 ta' Marzu 2008****li temenda Anness II (regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II tal-Ftehim ġie emendat mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 18/2007 tas-27 ta' April 2007 ⁽¹⁾.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/205/KE tat-22 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi format komuni għall-ewwel rapport ta' l-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2004/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkonċerna l-limitazzjoni ta' l-emissjoni ta' ċerti komposti organiċi volatili ⁽²⁾ għandha tiġi nkorporata f'dan il-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jiġi mdaħħal wara punt 9 (Direttiva 2004/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XVII ta' l-Anness II tal-Ftehim:

- "9a. **32007 D 0205:** Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/205/KE tat-22 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi format komuni għall-ewwel rapport ta' l-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2004/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkonċerna l-limitazzjoni ta' l-emissjoni ta' ċerti komposti organiċi volatili (ĠU L 91, 31.3.2007, p. 48)."

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni 2006/205/KE fil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppublikati fis-Suppliment ŻEE tal-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-15 ta' Marzu 2008, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

⁽¹⁾ ĠU L 209, 9.8.2007, p. 32.

⁽²⁾ ĠU L 91, 31.3.2007, p. 48.

(*) L-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali m'huma indikati.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni se tkun ippubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, tal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, 14 ta' Marzu 2008.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-Preżident

Alan SEATTER
